MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 2/2005

**Salvu Cutajar.**

**-vs-**

**Avukat Generali, l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-Bord ta' Kummissarji Specjali.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fis-6 ta' Jannar, 2005 li permezz tieghu Salvu Cutajar espona bir-rispett;

Illi fix-xhur ta' Jannar 2003 inharget stima mill-Kummissarju

tat-Taxxi Interni ghas-sena ta’ Stima 1999 fil-konfront ta’ l-esponent li kienet tinkludi anke penalitajiet u imghaxijiet;

Illi fi Frar 2003 l-esponent kien baghat avviz ta’ oggezzjoni kontra tali stima fejn talab lill-Kummissarju sabiex jirrivedi dik l-istima;

Illi b’avviz ta’ mejju 2004 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni informa lill-esponent illi tali kien qieghed jirrifjuta revizjoni jew emenda ta’ l-istima mahruga minnu f’Jannar 2003 u informa lill-esponent illi l-ammont ta’ taxxi dovut huwa dak ta’ ghoxrin elf tlett mija u zewg liri maltin (Lm20.302);

Illi fit-18 ta’ Gunju 2004 l-esponent kien ipprezenta appell quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali fejn talab lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex tigi kancellata l-istima mahruga fil-konfront tieghu ghas-Sena Stima 1999 u tinhareg ohra b’ammont ta’ taxxa dovuta ta’ erbat-elef disa’ mija u zewg liri maltin (Lm4,902);

Illi kemm mal-prezentata ta’ l-istess appell kif ukoll fil-mori tas-smigh ta’ l-appell quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjai, l-esponent issottometta illi ma huwiex possibli ghalih li jaghmel id-depositu ta’ l-ammont kif mitlub mill-ligi u cioe taht artikolu 35 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi b’sentenza tal-21 ta’ Ottubru 2004 il-Bord ta’ Kummissarji Specjali iddikjara illi l-appell ipprezentat mill-esponent kien irrutu u null peress illi tali depositu ta’ flus ma sehhx u b’hekk laqa’ t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Illi kien impossibli ghall-esponent illi jiddepozita l-ammont rikjest mill-ligi u dan b’ebda tort attribwiet ilu;

Illi ma kienx possibbli ghall-esponent illi jhallas tali somma li

tammonta ghal erbat-elef disa’ mija u zewg liri maltija (Lm4,902) billi huwa ma kienx jippossedi tali somma konsiderevoli b’mod li jaddiha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u dan ghaliex is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu ma kienitx wahda li tippermettilu illi jaghmel tali hlas minghajr ma jippregudika b’mod serju il-mezz ta’ ghixien tieghu;

Illi in oltre t-taxxa stmata giet stmata fuq bejgh ta’ proprjeta li l-esponent kien imgieghel ibiegh sabiex jissodisfa krediti ta’ terzi fil-konfront tieghu u l-ammonti maghmula minn tali bejgh mar fuq kreditu fil-konfront ta’ terzi;

Illi dan il-pagament kien impossibli li jsir anki peress illi l-flus ta’ l-esponent kienu kollha mizmuma permezz ta’ mandat ta’ sekwestru numru 4049/99 li inhareg mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Settembru 1999 fuq talba ta’ terzi u liema mandat ta’ sekwestru gie biss imnehhi permezz tal-kontromandat numru 662/04;

Illi l-artikolu tal-ligi gia msemmi jirrikjedi tali pagament ta’ flus bhala wiehed mir-rekwiziti ghall-validita ta’ l-appell interpost quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali u dan minghajr ma jhalli l-ebda diskrezzjoni lill-istess Bord sabiex dan jezamina l-kundizzju u l-qadgha finanzjarja ta’ l-appellant u jnaqqas tali ammont jew jezenta lill-istess appellant minn tali pagament, b’mod illi minhabba l-qadgha finanzjarja tal-appellant tieghu gie dikjarat null u irritu;

Illi b’tali procedura l-esponent gie mcahhad minn access ghall-qorti jew tribunal sabiex jigu determinati drittijiet jew obligazzjonijiet civili fil-konfront tieghu bil-konsegwenza illi huwa gie mcahhad minn rimedju sabiex ifittex id-drittijiet tieghu fil-konfron ta’ stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kontra tieghu;

Illi stante li huwa gie mcahhad minn access ghal qorti jew

tribunal sabiex jigu ezaminati drittijiet tal-esponent huwa ukoll ma inghatax smigh xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet tieghu;

Illi b'tali mod huwa gie mqieghed f'posizzjoni fejn l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni giet definittivament konfermata mill-Bord tal-Kummissarju Specjali, fejn l-esponent qieghed jinkorri anke penalitajiet u imghaxijiet fuq l-istess ammont allegatament dovut u dan minghajr ma kellu l-opportunita li jersaq quddiem tribunal li jista' jikkunsidra s-sottomissjonijiet tieghu;

Illi dan iwassal ghal vjolazzjoni kemm tal-Artikolu 6 u b'mod partikolari paragrafu (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligi ta' Malta f'Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 39, u b'mod partikolari paragrafu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 35 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti b'artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta u taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni fosthom li taghti l-opportunita lir-rikorrenti iressaq is-sottomisjonijiet tieghu sabiex dawn jigu kkunsidrati u determinati bis-shih.

Rat ir-risposta preliminari tal-intimati pprezentata fit-18 ta' Jannar, 2005, li permezz taghha esponew bir-rispett;

Illi stante li l-intimat Avukat Generali kien notifikat b'dan ir-rikors fis-17 ta' Jannar 2005 u l-kawza hija appuntata ghad-19 ta' Jannar 2005, l-esponenti jehtiegu iktar zmien biex jirrispondu kif inhu xieraq ghar-rikors promutur.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti takkordalhom terminu li fih huma jkunu jistghu iwiegbu fid-dettal ghall-allegazzjonijiet li saru mir-rikorrent fil-konfront taghhom.

Rat ir-risposta tal-intimati pprezentata fit-8 ta' Frar, 2005 li permezz taghha esponew bir-rispett;

1. Preliminarjament l-intimat Avukat Generali mhux il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri stante li hemm intimati ohra li jirrapprezentaw lill-Gwern adegwatament, u dan ai termini tal-artiklu 181B(2) tal-Kap 12.

2. Preliminarjament, in kwantu r-rikorrent naqas li jsemmi fir-rikors promotur li hu ghandu proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fl-istess imijiet (Rik 7/04 PS differit ghall-ewwel dehra tieghu fis-16 ta' Marzu 2005), f'liema proceduri r-rikorrent qed jappella mid-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali tal-21 t'Ottubru 2004, mertu wkoll ta' dan ir-rikors kostituzzjonali, ir-rikorrent qed ikun zvijanti u qed jipprova jizgwida l-Qorti.

3. Preliminarjament, din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tkompli tisma' dan ir-rikors ai termini tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni, stante li jezisti rimedju ordinarju li ghandu jkun ezawrit qabel tinbeda din il-procedura kostituzzjonali li hi procedura straordinarja. Fil-fatt dan ir-rimedjur ordinarju, fil-forma ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, diga qed ikun utilizzat mir-rikorrent, (ghalkemm ma saret l-ebda referenza ghalih fir-rikors promotur), pero' ghad m'ghadhiex in gudikat.

4. Preliminarjament din il-procedura hija intempestiva u dan ghar-raguni moghtija fit-tieni u t-tielet paragrafu.

5. Preliminarjament din il-procedura hija frivola u vessatorja in kwantu nbdiet waqt li ghadhom pendenti l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, u din il-Qorti ghandha tiddikjaraha li r-rikors promotur hu frivolu u vessatorju u ghandha tiddeklina milli tkompli tisimghu.

6. Preliminarjament, ir-rikorrent ghandu jiddikjara b’mod car u preciz minn xhiex qieghed jilmenta fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li hu jgawdi, jekk hux qed jilmenta mil-ligi nnifisha, jew inkella mill-agir tal-Bord tal-Kummissarji Specjali.

7. Preliminarjament, in kwantu l-mertu ta’ dawn il-proceduri jirrigwarda t-taxxa, dan il-mertu jmur lil hinn mill-ambitu tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, u dan skond gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-artiklu 6 u l-artiklu 39 jirrigwardaw ‘drittijiet u obbligi civili’, pero’ hawn si tratta ta’ ligi t’ordni pubbliku u mhux ta’ drittijiet civili kif jitlob l-artiklu. Ghalhekk dawn iz-zewg artikli ma japplikawz ghall-kaz odjern.

8. Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju ghal dak sottomess diga, in kwantu r-rikorrent qed jallega li ma kellux access adegwat ghall-qorti jew tribunal, dan mhux minnu, stante li hu kellu access ghall-Bord u aderixxa lil dan it-tribunal. Il-fatt izda li l-Bord ta’ decizjoni dwar l-iment tar-rikorrent li kienet negattiva ghalih, anke jekk kienet decizjoni fuq punt ta’ procedura, ma jfissirx b’daqshekk li ma kellux access ghal Bord. Rigward l-access ghal qorti, ghaddejjin f’dan l-istadju proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, mibdija mir-rikorrent innifsu u ghalhekk ir-rikorrent kellu access ghall-qorti u fil-fatt ezercitah. L-esponent jissottometti li l-interpretazzjoni moghtija mir-rikorrent ghad-dritt t’access mhix korretta, stante li ladarba persuna jkollha l-possibilita’ taderixxi lil qorti u

fil-fatt din il-possibilita' sehhet, allura mbaghad il-persuna ma tistax tilmenta li ma kellhiex access ghal qorti.

9. Illi barra minn hekk, lanqas mhu fondat l-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' smigh, peress li kemm quddiem il-Bord, kif ukoll permezz tal-proceduri li ghandu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, ir-rikorrent ezercita d-dritt tieghu ghal smigh. U quddiem iz-zewg tribunali, ir-rikorrent inghata l-opportunita' kollha li jinstema' u s-smigh kien xieraq. Decizjoni tal-Bord li kienet negattiva fir-rigward tar-rikorrent ma twassalx awtomatikament ghar-ragunar li r-rikorrent ma kellux smigh xieraq.

10. Illi barra minn hekk il-Qorti Ewropea ddecidiet kemm il-darba fis-sens li d-dritt innifsu t'access ghal qorti jew tribunal jista' jkun ristrett, fost ohrajn b'regoli ta' procedura. Dan minnu nnifsu ma jfissirx li b'daqshekk kemm ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni.

11. Illi in kwantu qed isir ilment fuq il-hlas tat-taxxa li mhix kontestata, dan il-hlas jintalab kemm fi stadju meta l-persuna tibghat oggezzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi Intern kif ukoll fi stadju t'appell quddiem il-Bord tal-Kummissarju Specjali. Ghalhekk ir-rikorrent kellu perjodu ta' zmien li fih seta' jhallas dan l-istess ammont, pero' xorta wahda baqa' m'ottemporax ruhu mal-ligi. F'dan ir-rigward ir-rikorrent isemmi li ma setax ihallas minhabba proceduri ohra li kellu kontrih. Ir-rikorrent qed ikun zvijanti meta jsemmi l-kontromandat 662/04. Dan il-kontromandat sar fil-15 t'April 2004, u cioe' xahrejn qabel ir-rikorrent intavola appell quddiem il-Bord tal-Kummissarji Specjali. B'hekk ir-rikorrent ma kellux mandati vigenti kontrieh fil-mument tal-appell quddiem il-Bord u flusu kienu liberi.

12. Illi fir-rigward tal-hlas innifsu tat-taxxa li mhix kontestata, l-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Pig Breeding Company Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn il-qorti, a bazi tal-artiklu 35 tal-Kap

372 iddecidiet li l-ligi titlob li jsir il-hlas shih tat-taxxa li mhix kontestata, qabel ikun jista' jinstema l-appell quddiem il-Bord.

13. Illi fi kwalunkwe kaz m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem, la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontrieh.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti processwali.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet dwar l-ewwel sitt eccezjonijiet tal-intimat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar dawn l-eccezzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eccezzjoni hija dwar jekk l-Avukat Generali kellux jigi citat f'dawn il-proceduri. L-Artikolu 181 B (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk;

*L-Avukat Generali jirrapresenta lill-Gvern f'dawk l-atti u azzjonijet gudizzjarji li minhabba n-natura t-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew iktar mill-Kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

Ma hemmx dubbju li l-ligi riedet permezz ta' dan is-sub-

artikolu timla vojt li kien jezisti qabel meta xi hadd ried iressaq kawza kontra l-Gvern, komprizi dawk kostituzzjonali. Prattikament f'kull kawza kienet titqajjem l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur. Allura l-legislatur haseb biex mela dan il-vojt billi akkorda lill-Avukat Generali r-rappresentanza tal-Gvern fil-kawzi imsemmija.

Forsi li kieku wiehed japplika l-ligi strettament u joqghod biss fuq il-kliem preciz ta' l-artikolu msemmi, jasal ghall-konkuzjoni li l-presenza tal-Kumissarju tat-taxxi interni hija bizzejjed billi l-proceduri in kwistjoni kienu mibdija minnu a bazi tal-Kapitolu 372. Allura ma kienx hemm diffikolta li l-azzjoni setghet ingiebet fil-konfront tieghu minghajr il-bzonn li jitharrek l-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 181 fuq imsemmi. Hija ormai prassi pero' illi apparti fejn hemm lok skond l-Artikolu 181 li jitharrek, l-Avukat Generali jitharrek fejn tigi attakkata l-kostituzzjonalita' ta' ligi. Wiehed jista' jhares lejn il-kawzi kostituzzjonali simili u jara dan. Ghalhekk il-Qorti ma tara xejn hazin li jkun parti f'kawza simili – semmai tiehu in konsiderazzjoni dan meta tiddeciedi l-kap tal-ispejjes jekk ikun il-kaz. Ghalhekk il-Qorti ser tichad din l-eccezzjoni.

L-eccezzjonijiet l-ohra iduru mal-fatt li r-rikorrent, meta gie sokkombenti fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Kummissarji Specjali, appella ai termini ta' l-Artikolu 35 tal-Att in kwistjoni. Dan l-appell sar quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u ghadu pendenti quddiem l-istess Qorti. L-artikolu msemmi jaghti dritt ta' appell fuq punt ta' ligi biss. Allura l-intimati qed jeccepixxu illi r-rikorrenti pprova jisgwida l-Qorti u l-istess Qorti ghandha tiddeklina milli tkompli tisma' r-rikors ai termini ta' l-Artikolu 46 (20 tal-kostituzzjoni); il-kawza hija allura intempestiva, frivola u vessatorja u r-rikorrenti ghandu jiddikjara b'mod car minn xhiex qed jilmenta.

Fir-rigward ta' l-ahhar eccezzjoni msemmija, ir-rikorrenti permezz ta' nota a fol 21 tal-process indika li huwa qed jattakka

dik il-parti tal-ligi fejn hu stabbilit li jrid issir depositu biex isir appell u wkoll dak li ddecieda l-Bord u cioe' illi ladarba ma sarx tali depositu l-appell tieghu quddiem il-Bord kellu jigi michud. Ghalhekk fuq dan il-punt il-Qorti jidrilha li r-rikorrent kien car bizzejjed, anke ghaliex it-talba kontenuta

fir-rikors ukoll tidher cara. Dan jidher anke mill-fatt li l-intimati setghu jippresentaw risposta dettaljata kif fil-fatt ghamlu.

Il-proviso ndikat mill-intimati jghid ezattament hekk; *Izda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tesercita s-setghat taghha skond dan is-sub-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.* (46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta).

Din il-kwistjoni giet dibattuta diversi drabi fil-Qrati taghna. Il-Qorti Kostituzzjonali dahlet fil-fond taghha fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine (7 ta' Marzu, 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi precedenti, qalet fost affarijiet ohra;

*Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim Awla u kemm ta' din il-Qorti jistghu jitnisslu dawn il-linji gurisprudenzjali;*

*a. Meta hu car li hemm mezzi ordinarji disponidbbli ghar-rikorrenti biex ikollu rimedju ghad-danni li qed jilmenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati u r–rikors ghal-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu esawriti jew meta m'humiex disponibbli;*
*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawliex ragunijiet serji gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew zball manifest ma tiddisturbax l-esercizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti ikkonferita mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*
*c. Kull kaz ghandu l-fatti specje partikolari tieghu;*
*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li*

*seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li ma ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk dak il-*

*possibli rimedju ma kienx pero jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*
*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx ezawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor allura ma jkunx desiderabbli illi il-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.*
*f. Meta l-ewwel Qorti tesercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni.*

L-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Philip Spiteri vs Sammy Meilaq</u> (8 ta' Marzu, 1995) qalet ukoll li *meta l-oggett tal-kawza jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li ghandhom rimedju f'xi ligi ohra, u ohrajn li ma ghandhomx, rimedju hlief kostituzzjonali – allura ghandha tipprevali din l-ahhar azzjoni.* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *komplessa* jizdied il-kliem *jew inkella imhallta.*

Issa fil-kaz in ezami din iz-zieda hija mportanti ghaliex il-lanjanza tar-rikorrent f'din il-kawza hija certament imhallta. Dan ghaliex fil-waqt li fl-appell in kwistjoni, l-istess appell necessarjament irid jinkwadra ruhu fit-termini tal-istess ligi applikabbli (l-Att dwar it-taxxa tad-dhul u dak dwar l-amministrazzjoni tal-istess taxxa) kawza kostituzzjonali necessarjament tesorbita dawn it-termini. Infatti ir-rikorrent qed jattakka parti mill-istess ligi u cioe' dik li timponi depositu lill-applikant biex jinstema' l-kaz tieghu quddiem il-Bord. Din il-Qorti allura qed tigi mitluba tiddikjara li dik l-imposizzjoni (u l-mod kif giet applikata mill-Bord) tikser il-kostituzzjoni. Fl-appell li huwa pendenti il-Qorti trid tapplika l-ligi kollha – kompriz dik il-parti li qed tigi attakkata f'din il-kawza. Allura fil-fehma tal-Qorti, a bazi tal-bran imsemmi fil-kawza <u>Spiteri vs Meilaq</u> ma thossx li ghandha tiddeklina li tkompli tisma' l-kawza.

Mid-dokumenti esebiti (Dok B1 sa B6) jidher illi r-rikorrenti ibbaza l-appell imsemmi fuq il-lanjanza li ghandha

quddiemha din il-Qorti; infatti skond il-verbali tal-istess appell il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qed tistenna l-esitu ta' dawn il-proceduri (Dok B4). Ma jkunx allura gust li din il-Qorti tiddeklina li tisma' r-rikors ghaliex ir-rikorrenti ikun qed jigi mblokkat milli jitlob ir-rimedju kullimkien.

Huwa minnu li r-rikorrenti seta' teorikament jirnexxi fl-appell tieghu u allura l-mertu ta' din il-kawza ghalih ikun esawrit ghaliex ma jkollux ghalfejn ikompli jinsisti ghas-smigh taghha billi jkun lahaq l-ghan tieghu izda f'dak il-kaz allura l-Qorti tkun tista' tidderigi t-tkomplija tal-kawza skond il-kaz. Dan pero' huwa ferm difficli li jigri jekk din il-Qorti ma tismax u tiddeciedi dwar it-rikors meta t-talba tal-appell hija bbazata fuq l-istess lanjanza.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel sitt eccezzjonijiet ta' l-intimati. L-ispejjes ta' din l-istanza bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------